

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet kollha neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2003/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' Novembru 2003, dwar l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 345, p. 90).

Dispożittiv

- 1) Billi ma implementatx, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet leġislattivi, regolamentari u amministrattivi kollha neċessarji għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2003/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' Novembru 2003, dwar l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku, fil-leġiżlazzjoni tal-Länder ta' Styria u ta' Salzburg, ir-Repubblika ta' l-Awstrija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt din id-direttiva.
- 2) Ir-Repubblika ta' l-Awstrija hija kkundannata tbat i-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-18 ta' Lulju 2007 — Il-Kummissjoni vs Il-Greċja

(Kawża C-26/07)

“Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2004/80/KE — Kumpens għal vittmi ta' delitti — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst”

Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Eżami tal-mertu mill-Qorti tal-Ġustizzja — Sitwazzjoni li għandha tittieħed in kunsiderazzjoni — Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata (Artikolu 226 KE) (ara l-punt 6)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet kollha neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Kunsill 2004/80/KE, tad-29 ta' April 2004, dwar kumpens għal vittmi ta' delitti (ĠU L 261, p. 15)

Dispożittiv

- 1) Billi ma adottatx il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva tal-Kunsill 2004/80/KE, tad-29 ta' April 2004, dwar kumpens għal vittmi ta' delitti, ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt din id-direttiva.
- 2) Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata tbatl l-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-18 ta' Lulju 2007 — Il-Kummissjoni vs Spanja

(Kawża C-50/07)

“Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2004/24/KE — Prodotti farmaċewtiċi — Prodotti mediċinali veġetali tradizzjonali — Kodiċi tal-Komunità — Prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst”

Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Eżami tal-mertu mill-Qorti tal-Ġustizzja — Sitwazzjoni li għandha tittieħed in kunsiderazzjoni — Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata (Artikolu. 226 KE) (ara l-punt 9)